RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 23**
* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa' nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 24 ta' Lulju 2012 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Ċerpersin | |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru | |
| Is-Sna. Cecilia Bonello | Membru | |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru | 6.40 p.m. |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv | |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Il-Profs. Anthony Grixti Soler | Viċi Ċerpersin |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 p.m.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 22**

1.01 Iċ-Ċerpersin Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 22 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-minuti ġew approvati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 22

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A 22**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

**3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 22**

3.01 5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-*Foreman* tal-Korporazzjoni Enemalta kellu jagħmel *site plan* oħra sabiex ngħadduha lill-Perit tal-Kunsill biex hu minn naħa tiegħu jagħtina stima dwar kemm ser tiġi tiswa l-ispiża. Tneħħija ta' tlett arbli tad-dawl matul Triq il-Buskett



KUNSILL LOKALI RABAT

8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| 3.02 | 5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-flus għall-ewwel skema ġew mgħoddija lill-Kunsill. Kif tkun lesta t-tieni parti tal-bankina u cioè, it-tieni skema, din tiġi ċċertifikata mill-Perit tal-Kunsill sabiex inkunu nistgħu nikklejmjawha wkoll. | Progress dwar il-bankina fi Triq F. Azopardi |
| 3.03 | 7.01 Il-Kumitat huwa preokkupat dwar xogħolijiet u bini illegali li tela' tul iż-żmien fiż-żona li tidħol minnha minn Triq Fra Ludovico Savoye. Barra minn hekk, saru rapporti dwar sprejjar u *panel beating* f'diversi ħinijiet tal-ġurnata, filgħaxija, Ħdud u Festi Pubbliċi li qed idejqu u li huma ta' inkonvenjent lir-residenti tal-akwata. Ġie allegat ukoll li qed ikun hemm sprejjar ta' karozzi li qed ikun ta' ħsara għall-annimali fil-madwar u għas-sistema ekoloġika fl-inħawi. Għaldaqstant il-Kumitat qabel li dan ir-rapport għandu jgħaddi f'idejn il-pulizija u l-MEPA sabiex jagħmlu l-istħarriġ neċessarju biex dan l-abbuż jieqaf minnufih. | Xogħol illegali f'garaxx fi Triq Fra Ludovico Savoye |
| 3.04 | 7.02 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgħa li dan ir-rapport għadda lis-sanità. Il-proċedura tagħhom hija li jagħtu għaxart ijiem pre-avviż u jekk is-sid jibqa' ma jieħux azzjoni, jieħdu passi legali kontrih. | Nemus fi Triq A. Curmy |
| **4.00** | **Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv** | |
| 4.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-Perit Schembri infurmana li d-diżinji tal-ħajt kienu lesti u l-pass li jmiss kien li jagħmel applikazzjoni mal-MEPA. | Ħajt fi Triq Godwin Ganado |
| 4.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jekk sal-ħarġa li jmiss tal-fuljett Ir-Rabta, l-istemma tal-Kumitat Amministrattiv tkun giet ippubbliċizzata, jsir artiklu dwarha fejn jiġi spjegat lir-residenti għalfejn intgħażlet proprju din l-istemma. Il-Kumitat qabel. | Stemma tal-KA |
| **5.00** | **Komunikazzjoni mill-membri** | |
| 5.01 | Is-Sur Lino Pace Bonello saħaq li s-sajf dalwaqt ser jgħaddi u s-siġar ta' taħt dan il-*belvedere* ser ikunu għadhom ma nżabrux. Għaldaqstant ġie deċiż li nitolbu lid-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jiżbru u jnaddfu l-*area* ta' taħt il-*belvedere*. | Żbir tas-siġar ta' taħt il-*belvedere* |
| 5.02 | Is-Sur Christopher Farrugia saħaq li kien hemm xi sebat iħwat bil-pjanti fil-*belvedere*. Dawn tneħħew meta kien ġie l-Papa. Huwa talab jekk hux possibbli li jerġgħu jitpoġġew. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja dwar dan il-każ. | Pjanti fil-*Belvedere* |

5.03 Is-Sna. Stephania Gatt saħqet li fi Triq Carlo Fiamingo hemm bżonn li ssir *traffic calmer* peress li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li din it-talba kienet għaddiet mil-laqgħa tal-Kunsill u għaldaqstant ser issir applikazzjoni mat-Transport Malta. *Traffic Calmer* fi Triq C Fiamingo

**6.00 Approvazzjoni tal-istemma**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv tellgħat għall-approvazzjoni l-istemma tal-Kumitat Amministrattiv. L-uniku tibdil li kien sarilha mill-espert imqabbad mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Sur Adrian Strickland kienet burdura bil-kaxxi li l-iskop tagħha huwa li jindika d-differenza bejn il-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi. Din l-istemma ġiet approvata. Approvazzjoni tal-istemma

**7.00 Aġġornament**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-4 ta' Settembru 2012 fis-6.30 p.m. Aġġornament

8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**